# Fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta)
## Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali
# Magistrat Dr. Yana Micallef Stafrace LL.D.

**Illum, 9 ta' Dicembru, 2024**

**Il-Pulizija**
**vs**
**Travis Francis Xuereb**

Il-Qorti rat l-imputazzjonijiet fil-konfront ta'Travis Francis Xuereb ta' 30 sena, iben Emanuel Xuereb u Mary Therese Xuereb xebba Falzon, imwieled gewwa il-Pieta nhar l-20 ta' Settembru, 1993, residenti gewwa Binja Sta Venera Ent F, Flt 1, Triq Dun Xand Cortis, Santa Venera u detentur tal-karta tal-identita bin-numru 436293M akkuzat :

1. Talli nhar il-31 ta' Lulju, 2024 bejn 08:45 Hrs u 09:15 Hrs gewwa Triq id-dahla ta' San Tumas, Marsaskala biegh jew xort' ohra ttraffika il-pjanta Cannabis kollha jew bicca minnha, u dan bi ksur ta' l-Art 8 (e) ta' l-Ordinanza Dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta.

2. Talli nhar il-31 ta' Lulju, 2024 bejn 08:45 Hrs u 09:15 Hrs gewwa Triq id-dahla ta' San Tumas, Marsaskala kellu fil-pussess tieghu il-pjanta *Cannabis* kollha jew bicca minnha bi ksur ta' l-Art 8 (d) tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta, liema droga instabet f'tali cirkustanzi li juru li ma kinitx ghall-uzu esklussiv tieghu

3. Talli bejn Frar 2023 u Awwissu, 2024 gewwa Balzan u f'diversi nħawi madwar Malta gab ruħu b'tali mod li ta' fastidju lil Taryn Mamo Cefai , u b'mod li kien jaf jew li missu kien jaf li dak li għamel kien ta' fastidju u ssoġġetta lil Taryn Mamo Cefai għal xi att u, jew imġiba li jkollhom konnotazzjonijiet sesswali, inklużi kliem bil-fomm, mossi u, jew għemil, il-wiri jew iċ-ċirkolazzjoni ta' kliem miktuba, stampi, u, jew xi materjal ieħor, fejn dak l-att, kliem, u jew imġiba mhumiex mixtieqa mill-vittma, u jkunu jistgħu raġonevolement jiġu kkunsidrati bħala offensivi, umiljanti, degradanti, u, jew intimidatorji lejha.

4. Talli bejn Frar 2023 u Awwissu, 2024 permezz ta' xi network jew apparat ta'komunikazzjoni elettronika, għamel użu ieħor mhux xieraq bih.

5. Talli bejn it-12 ta' Gunju, 2024 u l-4 ta' Awwissu, 2024 f'diversi nħawi madwar Malta naqas milli jħares waħda jew iżjed mill-kundizzjonijiet li ġew imposti fuqu mill-Qorti Kriminali preseduta mill-Onor. Imhallef Consuelo Scerri Herrera LL.D. b'digriet mogħti nhar it-12 ta' Gunju, 2024 li bih ingħatat il-ħelsien mill-arrest taħt garanzija u dan bi ksur tal-Artikolu 579(2) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

6. Talli bejn Frar 2024 u Awwissu, 2024 f'diversi nħawi madwar Malta, irrenda ruħu ricediv ai termini tal-artikoli 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta permezz ta' sentenzi mogħtija fil-konfront tieghu, mill-Qrati ta' Malta, liema sentenzi huma definittivi u ma jistgħux jinbidlu.

F'każ ta' ħtija, tordna r-revoka tal-ħelsien mill-arrest u l-arrest mill-ġdid tal-imputat Travis Francis Xuereb u kif ukoll li l-ammont stabbilit fil-ħelsien mill-arrest taħt garanzija ikun ikkonfiskat fl-intier tieghu jew

f’parti minnu favur il- Gvern ta’ Malta skont kif il-Qorti tqis il-gravità tar-reati;

Din il-Qorti hija ġentilment mitluba li toħroġ ordni ta’ protezzjoni ai termini tal-artiklu 412Ċ tal-Kap 9 tal-liġijiet ta’ Malta, kemm waqt il-mori tal-kawża kif ukoll f’każ ta’ ħtija ma’ kull piena li l-Qorti jidrilha xierqa.

Il-Qorti hija mitluba ukoll sabiex f'każ ta’ ħtija barra milli tapplika l-piena skond il-Liġi tordna lill-imputati iħallsu l-ispejjeż li għandhom x'jaqsmu mal-ħatra tal-esperti skond l-Artikolu 533 (1) tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

F’każ ta’ ħtija, barra milli tapplika l-piena skont il-liġi, il-Qorti hija gentilment mitluba sabiex tapplika l-Artikoli 382, 382A, 383, 384, u 385 tal-Kodiċi Kriminali għas-sigurtà tal- partijiet leża;

Rat li fis-17 ta’ Settembru, 2024 Trevor Francis Xuereb tressaq taht arrest assistit minn Dr Roberto Spiteri

Il-validita’ tal-arrest ma giex kontestata.

Inqraw l-akkuzi mill-Prosekjuzzjoni.

L-imputat irregistra ammissjoni.

Gie ordnat pre-senmtancing report ezebit minn Probation Officer Matthew Fleri Soler Dok MFS

Rat l-artikoli 8(e)(d) ta’l-Ordinanza Dwar il-Medicini Perlkoluzi Kap 101u art 339(1)(o) 251A(1)(a) (b)(e) 579(2) 49 u 50 382,382A383 384 u 385 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta

Rat ix-xhieda kollha prodotta mill-Prosekuzzjoni.

Rat l-atti kollha u x-xhieda u dokumentazzjoni kollha prodotta.

Semghet it-trattazjoni.

**Ikkunsidrat**

L-imputat irregistra ammissjoni fi stadju bikri tal-proceduri

L-probation officer Matthew Fleri Soler ippresentat r-rapport taghha kif ukoll xehed in elaborazzjoni dwar l-istess.

**Ikkunsidrat**

Mir-rapport Dok MFS kif ukoll mix-xhieda tal-probation Officer Matthew Fleri Soler jidher li hi idoneja sentenza karcerarja effettiva

**Decide**

Ghal dawn il-motivi wara li rat l-artikoli 8(e)(d) ta'l-Ordinanza Dwar il-Medicini Perlkoluzi Kap 101u art 339(1)(o) 251A(1)(a) (b)(e) 579(2) 49 u 50 382,382A383 384 u 385 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Issib lil Travis Francis Xuereb hati tal-imputazzjoni fil-konfront tieghhu u tikkundannah komplessivament ghal sena (1) habs effettivi.

Tordna Treatment Order rigwardanti Travis Francis Xuereb ghal zmien tlett (3) snin rigwardanti problem ta' natura psikjattrika. Tali Treatment Order ghandha tifforma parti integrali minn din is-sentenza.

Tordna Ordni ta` protezzjoni fil-konfront ta`

(1) Helena Dalli u Patrick Dalli u l-familja taghhom.
(2) Taryn Mamo Cefai
ghal (3) snin.

**DR. YANA MICALLEF STAFRACE LL.D.**
**MAGISTRAT**

**Doris Serpina Sciberras**
**Deputat Registratur**